**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 7 ta' Marzu 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**BRENDON PETER CAIN**

Kump Nru. 90/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Brendon Peter Cain, detentur tal-karta tal-identita numru 421591M**, gie akkuzat talli fit-30 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija gewwa l-Imsida b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rosaria Grech detentrici tal-karta tal-identita numru 114943M u dan waqt li kont qed issuq u/jew kellek taht il-kontroll tieghek vettura tal-ghamla Peugeot ta' kulur ahmar bin-numru tar-registrazzjoni SAN711.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-27 ta' Jannar 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 5);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment, inkluz dik ta' l-imputat minn jheddu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur, tal-parte civile u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Gie stabbilit mill-provi, a sodisfazzjon tal-Ligi, li Rosaria Grech sofriet feriti ta' natura gravi skond kif jirrizulta mic-certifikat ezebit a folio 4 u mill-affidavit ta' Dr Agnes Portelli u d-deposizzjoni taghha li jinsabu a folio 84 u 86 rispettivament.

Gie stabbilit a sodisfazzjon tal-Ligi li Helen Mifsud u ohta Rosaria Grech kienu qed jaqsmu fuq iz-zebra crossing direzzjoni lejn l-ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida fi triqithom lejn il-knisja biex jisimghu quddies. Meta kienu waslu propju hdejn il-bankina u filwaqt li Helen Mifsud kienet lehqet kwazi telghet fuq il-bankina, dak il-mument Rosaria Grech intlaqtet mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SAN 711 misjuqa mill-imputat. Irrizulta li dak inhar l-art kienet xi ftit imxarrba.

**Ikkunsidrat**;

Illi <u>mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm xi forma ta' perikolozita` fis-sewqan ta' l-imputat</u> izda l-Qorti hija tal-fehma – u dana jirrizulta b'mod evidenti mid-dinamika ta' l-incident - li kien hemm nuqqas ta` attenzjoni, definittivament nuqqas ta' *proper look out*, minn naha ta` l-imputat li kien il-kagun ta` dan l-incident. Fic-cirkostanzi l-imputat legittimament gie passabbli ghall-akkuza migjuba kontra tieghu.

**Konkluzjoni:**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 30 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Brendon Peter Cain hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Brandon Peter Cain bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Brandon Peter Cain fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

In oltre, qed tordna s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-hati Brendon Peter Cain ghall-perjodu ta` erba xhur.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur